# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, 2002 .**

**Avviz numru : 7/1999G2(PC)**

Cynthia Grech .

VS

Walter John Cassar .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni minnha sofferti konsegwenza ta' incident stradali li gara fid-disgha (9) ta' Mejju, tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fil-parking area ta' Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni XER 212 misjuqa mill-konvenut u vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBC 546 appartenenti lill-attrici u dan previa d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba traskuragni imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolarmenti tat-traffiku da parti tal-konvenut .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta fit-18 ta' Mejju, 1998, 18 ta' Gunju 1998, fl-10 ta' Awissu 1998 u 11 ta' Dicembru 1998 u tal-ittri ufficjali spediti f'Mejju 1998 u dik ipprezentata kontestwalment ma dan l-avviz lil kumpanija assikuratrici .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni debitament ingunt .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Walter John Cassar, li ggib id-data tat-3 ta' Frar, 1999 .

Rat in-nota tal-eccezzjoni tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez

kollha kontra l-attrici, stante illi ghall-incident in kwistjoni tahti unikament u esklussivament l-istess attrici, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuti fid-dritt u fil-fatt .

Rat, l-affidavits, il-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizjoni li sehhet, bejn il-karozza ta' l-attrici u l-karozza misjuqa mill-konvenut, fi Triq il-Wied Marsalforn, quddiem l-entratura tal-*car park* .

Lis-surgent Frank Portelli li nvestiga din il-habta, l-kontentendi *a tempo vergine*, u kif jirrizulta mill-okkorrenza relattiva (Dok. FP. 1 a fol. 22-3 tal-process) tawh is-segwenti nformazzjoni :

(i) l-attrici: "*The driver of car No. CBC-546 was driving her car from the direction of Victoria heading to the M'Forn Parking Area, and whilst crossing Valley Road I noticed that someone had hit on the rear right side wheel and my car span around and ended up facing the direction to Rabat Road*" ;
*(ii)* il-konvenut: " *The driver stated that he was driving his car along Valley Road in the direction of M'Forn Bay, and on approaching the crossroad another vehicle came from the direction of Rabat Road and accidently collided together ."*

Dan ir-rapport fih innifsu ma tantx jaghti dettalji dwar kif sehhet il-habta . Pero' li skizz relattiv (a fol. 26), redatt mill-istess surgent, huwa ferm aktar informativ . Minn dan li skizz jigi nnotat illi l-vettura ta' l-attrici (CBE 546) tinsab gewwa l-*parking area* thares lejn l-entratura, u quddiemha hemm zewg *tyre marks* hoxnin, indikattivi tad-dawra fuqha nnifisha li ghamlet l-istess vettura . Tidher ukoll il-korozza misjuqa mill-konvenut (XER 212) thares fid-direzzjoni tal-Bajja, imma angolata lejn il-lemin taghha, u zewg sinjali ta' *brake marks* twal 10.40 metri l-wahda, gejjin minn Valley Road, mid-direzzjoni tar-Rabat u jispiccaw taht l-istess karozza . Jidhru wkoll fil-kantuniera ta' Valley Road, mal-pont li mill-*parking area* jiehu ghat-triq tar-Rabat, tliet sigriet u *NO-Entry signs* ghal min ikun gej jew minn naha tal-bajja jew minn Rabat Road .

Bhala hsarat, skond ma jirrizulta mill-istess okkorrenza kien hemm :

(i) fil-vettura CBC 546 : "Rear right mudguard, rear right lights and bumper and rear right wheel" ;
(ii) fil-vettura XER 212 : "Front bumper and grill, bonnet and right front lights and indicator and radiator and right front mudguard" .

Fl-affidavit taghha (a fol. 7) l-attrici spjegat kif kienet :

"*….. ghaddejja mit-triq 'l gdida li minn Triq ir-Rabat taghti ghal-Parking Area ta' Marsalforn . Kien ghadu d-dawl u t-triq kienet xotta . Kelli mieghi lill-mama tieghi .*

*Hekk kif wasalt fl-inkrocju bejn Triq ir-Rabat u Triq il-Wied waqaft, harist u ma nnotajt lil hadd fil-qrib gej fid-direzzjoni tieghi . Qlajt bi speed baxx hafna fuq il-first gear u appena qlibt fuq is-second gear hassejt daqqa qawwija hafna fuq il-gemb tal-lemin fin-naha ta' wara . Id-daqqa kienet tant kbira li l-vettura tieghu bid-daqqa daret mija u tmenin grad biex giet thares lejn id-direzzjoni li konna gejjin minnha . Naf li bid-daqqa il-vettura tieghi iltazghet minn wara .*"

Il-konvenut spjega l-incident fl-affidavit tieghu (a fol. 30) bil-mod segwenti :

"*Jiena kont gej mix-Xaghra minn Valley Road, Marsalforn, diehel ghal gol Parking ghax dak iz-zmien il-main road tax-Xaghra ghal Marsalforn kienet maghluqa . Il-hin kien fis-6.30pm. Jiena naqqast mill-ispeed peress illi hemm hekk jigi salib it-toroq u kont sejjer ghal bid-dritt . Komplejt hiereg u fis-siegha u l-hin sibt il-vettura Opel Corsa go wicci . Jiena zammejt il-break u hallejt brake mark ta' tul ta' madwar 10.4 m., u dan kif juri l-iskizz tal-pulizija, u saret il-kollizjoni . Nghid illi sibt il-vettura ma' wicci ghaliex ghalkemm jiena harist sabiex nara jekk kienux gejjin vetturi minn Rabat Road, il-vizwali ma kienitx tippermettilek illi taghmel dan minhabba is-sigar illi kien hemm fuq in-naha tal-lemin tieghi, u minhabba illi anke kien hemm xi vetturi ipparkjati fuq dik in-naha . Id-daqqa hadniha, jien mal-faccata kollha u l-attrici fuq in-naha ta' wara mar-rota tan-naha tas-sewwieq.*"

Irrizulta ghalhekk illi din il-kollizjoni sehhet f'inkrocju bejn zewg toroq . Ma kien hemm ebda stop signs fl-inhawi, imma certament is-sewwieqa involuti kellhom dejjem id-dover li jsegwu r-regolamenti in materia . Hekk insibu l-Highway Code ( a fol. 15) jwissi :

**“84. Use extra care at junctions or intersections . Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them . STOP at STOP signs . Slow down and give way at GIVE WAY signs . Where there are no such signs exercise discretion and prudence .**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic . Signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn .**

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again . Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons** . ”

M’hemm l-ebda dubbju illi l-attrici osservat dawn ir-regolamenti u harget minn fuq il-pont li jikkonduci ghal Rabat Road b’attenzjoni u mhux qabel ma kienet certa li ma kienx gej traffiku minn quddiemha . Jirrizulta wkoll illi l-attrici kienet lahqet kwazi ghamlet il-manuvra taghha kollha u bdiet diehla go l-*parking area* . Infatti d-daqqa haditha fuq in-naha ta’ wara tal-lemin tal-karozza taghha, bil-gemb tal-lemin ta’ quddiem tal-vettura tal-konvenut . M”hemm xejn ghalhekk x’wiehed jista’ jiccensura fis-sewqan taghha .

Mhux l-istess pero’ jista’ jinghad ghall-konvenut . Il-*brake-marks* ta’ 10.4 metri mhollija mill-vettura tieghu u l-mod kif rnexxielu jdawwar il-karrozza ta’ l-attrici mija u tmenin grad, biex gabha thares fid-direzzjoni mnejn kienet gejja, jixhdu jekk qatt seta’ kien hemm xi dubbju, illi huwa kien gej b’certa velocita’ . Ghalkemm isostni fid-deposizzjoni tieghu illi huwa naqqas li *speed* meta qorob lejn l-inkrojcu, l-istess *brake-marks* jindikaw illi huwa mhux naqqas li *speed*, imma bbrejkja minnufih malli nduna li kien hemm il-karozza ta’ l-attrici qed taqsam il-karreggjata tieghu . Sinjifikanti wkoll illi dawn il-marki jibdew proprju fil-kantuniera ta’ Valley Road ma’ Rabat Road . Il-konvenut jipprova jiggustifika l-agir tieghu billi jghid illi l-vizwali tieghu ma tantx kienet tippermettilu jara xi jkun gej minn fuq il-pont, minhabba s-sigar fil-kantuniera, u wkoll ghaliex, skond hu, kien hemm xi vetturi ohra pparkjati fil-kantuniera . Apparti l-fatt illi ma jirrizulta mkien illi dawn il-vetturi gew indikati *a tempo vergine* lis-surgent li nvestiga l-kaz, jekk tassew kienu jezistu, il-konvenut kellu l-obbligu li jkun ferm aktar prudenti fis-sewqan tieghu . Ma kellux jibqa’ ghaddej bl-istess velocita’ proprju sa kemm wasal fejn l-inkrocju, fejn imbaghad kien tard wisq ghalieh biex jevita l-vettura x’hin induna biha . Il-konvenut donnu wkoll illi jrid

jimplika li peress illi f'dik l-epoka t-triq li minn Marsalforn tiehu ghax-Xaghra kienet maghluqa minhabba xi hsarat, u t-traffiku niezel mix-Xaghra kien jghaddi minn Valley Road fejn sehhet il-habta, huwa kellu xi *right of way* bhala l-*major road user* . Apparti l-fatt illi fil-fehma tal-Qorti, tali cirkostanza wahedha ma kellhiex tikkonverti lil dik il-parti ta' Valley Road f'*major road* fil-konfront ta' min ikun diehel fil-parking, xorta wahda kien dejjem jibqa' dover fil-konvenut illi jnaqqas sew mill-velocita', jekk mhux jieqaf ghal kollox u jesplora tajjeb it-triq, qabel ma jiddecidi li jaqsam .

Ghaldaqstant jirrizulta sodisfacentement illi ghal din il-kollizjoni jahti unikament il-konvenut . Fir-rigward tad-danni subiti fil-karozza ta' l-attirici, gew esebiti ricevuti f'ammont totali ta' hames mija sitta u hamsin lira u tnejn u tletin centezmu (LM556.32), (Dokti. X1, X2 u X3 a fol. 9-12 tal-process) . Dan l-ammont gie konfermat bil-gurament ta' Anthony Spiteri, il-*panel beater* li ghamel it-tiswija mehtiega fuq l-istess karozza . Mehud ukoll in konsiderazzjoni n-natura tal-habta, m'ghandu ghalhekk ikun hemm ebda raguni ghaliex il-Qorti m'ghandhiex taccetta dan l-ammont bhala li jirraprezenta verament id-danni subiti mill-attrici .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni deskritta f'dan l-Avviz, tillikwida d-danni subiti fil-vettura ta' l-attrici htija ta' din il-kollizjoni fl-ammont ta' hames mija sitta u hamsin lira maltija u tnejn u tletin centemzu (LM556.32) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata .

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S799G2(Pc)
1738